MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 67/2014

**Malcolm Grech**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Malcolm Grech** ipprezentat fl-1 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent hu tester tal-vetturi fil-Vehicle Roadworthiness Test Station maghrufa bl-isem Fred's Motor Repairs & VRT Testing li tinsab fi Triq il-Kanun, Qormi/Santa Venera.*

*Illi permezz ta' ittra/decizjoni tat-12 ta' Awissu 2014 li qed tigi annessa, l-Awtorita` intimata ddecidiet hekk "....please be informed that a total of 30 points is being imposed on your entry as a VRT tester in accordance with regulation 21 and item 50 "Photo procedures not followed" of the Twelfth Schedule of Subsidiary Legislation 65:15".*

*Illi l-Awtorita` imponiet u naqqset dawn il-punti ta'* penali *lir-rikorrent ghal zvista, indubbjament genwina, illi saret minn naha tieghu meta hu naqas milli jiehu jew izomm saved ritratt ta' tlett vetturi mill-volum kbir ta' vetturi li jmorru fil-VRT station imsemmija ghall-ittestjar.*

*Illi r-rikorrent accetta dan in-nuqqas, pero` l-Awtorita` mponiet u naqqset punti ta'* penali *oghla minn dawk kontemplati fil-ligi - ara t-Tnax il-Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jirriforma d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` intimata fit-12 ta' Awissu 2014 billi jikkonfermaha in kwantu gie deciz illi kien hemm ksur tal-procedura tat-tehid ta' ritratti, izda jhassarha f'dik il-parti fejn gew imposti u mnaqqsa 30 punti ta'* penali *ghal dan in-nuqqas, u minflok jordna li jigu mposti u mnaqqsa biss dawk il-punti ta'* penali *kontemplati fil-ligi, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal, u bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fid-19 ta' Settembru 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-appell interpost mir-rikorrent huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi l-punti ta' penalita` inflitti fuqu mill-Awtorita` rispondenti huma konformi mal-provvedimenti tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u cioe` 10 punti ta' penalita` ghal kull kontravenzjoni (nuqqas ta' tehid ta' ritratti tal-vetturi mehuda ghat-test tal-VRT) kommessi mir-rikorrent; ir-rikorrent ikkommetta tlieta (3) minn dawn l-irregolaritajiet u wehel 10 punti ta' penalita` ghal kull irregolarita`, ghal total ta' 30 punt.*

2. *Illi ghalhekk m'huwiex minnu dak allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur illi l-Awtorita` rispondenti 'imponiet u naqqset punti ta' penalita` oghla minn dawk kontemplati fil-ligi'.*

3. *Illi ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha* tigi michuda bl-ispejjez."

Ra l-affidavits tar-rikorrent,[1] ta' Lino Abela,[2] ta' Joseph Mifsud.[3] Sema' l-kontro-ezamijiet tar-rikorrent[4] u ta' Lino Abela[5];

Ra d-dokumenti kollhaipprezentati mill-partijiet;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 12 ta' Awissu 2014 li permezz taghha gie informat bis-segwenti:-

***<u>"Re: Photographs of vehicles undergoing the roadworthiness test not in accordance with the procedure stipulated in the Thirteenth Schedule to the Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulations (S.L. 65.15).</u>***

[1] A fol. 24 u 25
[2] A fol. 35 u 36
[3] A fol. 37 u 38
[4] A fol. 77
[5] A fol. 73 sa 75

*Please be advised that following verification by Transport Malta of the photographs of vehicles that had the VRT test carried out at Fred's motor VRT Station during the month of July 2014, it transpired that a total of three vehicles did not have photos taken.*

*The following are the dates together with the corresponding number of vehicles that had no photos:*

*TIP 010 tested on the 8th July 2014*

*GOR 847 tested on the 22nd July 2014*

*GAN 714 retested on the 24th July 2014*

*The above are in breach of the conditions set out for Testers as stipulated in regulation 18A of the Thirteen Schedule of the Motor Vehicle (Roadworthiness Test) Regulations (S.L. 65.15).*

*In view of the above, please be informed that a total of 30 points is being imposed on your entry as a VRT Tester in accordance with regulation 21 and item 50 "Photo procedures not followed" of the Twelfth Schedule of Subsidiary Legislation 65:15."*

Illi fl-affidavit tieghu **ir-rikorrent** spjega illi huwa jahdem bhala mekkanik u *VRT Tester* fi Fred's Motor Repairs and VRT Testing. Jghid li fis-6 ta' Awissu 2014 kien ircieva *e-mail* minghand Lino Abela, *Manager* Tekniku fi hdan l-Awtortia` intimata, fejn gie mgharraf illi matul Lulju 2014 ma kinux intbaghtu ritratti ta' vetturi li sarilhom il-*VRT* gewwa l-*station* fejn jahdem u dan senjatament ghall-vetturi TIP 010, GBC 376, GOR 847 U GAN 714. Huwa nforma lil Lino Abela li dan bilfors kien zball genwin ghaliex huma dejjem hadmu bl-akbar onesta`, serjeta` u b'mod professjonali pero` jista' jkun li hadu xi zball minhabba l-volum tax-xoghol. Jispjega li sussegwentement meta ircieva l-ittra soggetta ghal dan l-appell, il-vetturi li ma ntbaghtx ir-ritratt taghhom irrizulta li kienu tlieta u mhux erbgha. Ir-rikorrent jammetti li dan kien zball, pero` kien wiehed genwin.

**Lino Abela**, *Technical Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega illi kull *VRT Station* hija obbligata li kull xahar tipprovdi CD bir-ritratti tal-vetturi kollha li jkun sarilhom il-

*VRT* matul dak ix-xahar partikolari. Jispjega li Joseph Mifsud, *Assistant Technical Manager* fi hdan l-Awtorita` intimata, kien infurmah li f'Lulju 2014 ir-rikorrent kien naqas li jiehu ritratt ta' erba' vetturi li kienu gew ittestjati fi Fred's Motor Repairs & VRT Testing. Ghalhekk huwa baghat *e-mail* lir-rikorrent, pero` nel frattemp kien irrizulta li l-vetturi li ma ttihdilhomx ritratt kienu tlieta u mhux erbgha ghaliex wahda mill-vetturi, u cioe` dik bin-numru ta' registrazzjoni GBG 376, kellha pjanci personalizzati bl-isem "Portughes" u ritratt bl-istess pjanci irrizulta li kien ittiehed. Ghalhekk ix-xhud stqarr illi r-rikorrent gie penalizzat ghaxar (10) punti ghal kull vjolazzjoni li kienet saret.

**Joseph Mifsud,** *Assistant Technical Manager* fi hdan l-Awtorita` intimata, spjega illi kull mta jsir *VRT* tidhol notifikazzjoni fuq sistems msejjha l-*VERA System* li fiha jkun hemm in-numru tar-registrazzjoni ta' kull vettura ittestjata u l-hin tat-test u n-numru tal-licenzja tat-*tester*. Spjega li huwa u l-kollegi tieghu jiccekkjaw b'mod "random" hamsa fil-mija (5%) tad-*data* kollha li jkollhom f'xahar partikolari, fost ohrajn ssir rikonciljazzjoni bejn il-lista tal-vetturi li sarilhom il-*VRT* u r-ritratti li jkunu gew pprovduti mit-*testers*. Jghid li ghax-xahar ta' Lulju 2014 huwa sab diskrepanza fis-sens li sab xi ritratti neqsin ta' vetturi li sarilhom il-*VRT* mir-rikorrent, liema vetturi originarjament kienu erbgha li pero` mbaghad irrizulta li kienu tlieta peress li wahda minnhom kellha pjanci personalizzati u li fil-fatt kien ittiehed ritratt taghha.

Illi bhala fatti ma tantx hemm kontestazzjoni, anzi hemm ammissjoni da parti tar-rikorrenti li bi zball genwin huwa naqas milli jiehu r-ritratti tal-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni TIP 010, GOR 847 U GAN714. Min-naha l-ohra il-punt kontrovers huwa jekk l-Awtorita` intimata kinitx korretta meta hija imponiet ghaxar (10) punti ta' penali ghal kull nuqqas, u cioe tletin (30) punt ta' penali, in vista li r-rikorrent naqas li jiehu tlett ritratti ta' tlett vetturi li kienu ghamlu l-*VRT* f'xahar partikolari, u cioe dak ta' Lulju 2014.

Illi filwaqt li r-rikorrent qieghed jishaq li l-Awtorita` imponiet punti ta' penali ghola minn dak previst fil-ligi, l-Awtorita` min-naha taghha ssostni illi hija kienet korretta li imponiet punti ta' penali ghal kull infrazzjoni, u cioe` ghal kull ritratt ta' kull vettura li ma ttehidx u li sarilha l-*VRT test* mir-rikorrent.

Illi ai termini tar-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 operatur jew *tester* li jonqsu li jharsu il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Regolamenti jehlu punti ta' penali u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja. Imbaghad f'partita 50 tat-Tnax-il Skeda wiehed isib li jekk ma tigix segwita l-procedura tat-tehid ta' ritratti jigu imposti ghaxar (10) punti ta' penali.

Illi l-procedura tat-tehid ta' ritratti hija regolata b'Regolament 18A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li jghid is-segwenti:-

*" (1) Kull vettura bil-mutur li jkun qieghed isirilha t-test dwar jekk tkunx tajba biex tintuza fit-triq skont id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandha jittehdulha ritratti fl-istazzjon fejn ikun qieghed isirilha t-test mill-operatur jew mill-persuna li*

*tittestja.*

*(2) Ir-ritratti msemmija fis-subregolament (1) ghandhom jittiehdu u jintbaghtu lill-Awtorità skont il-procedura stabbilita fit-Tlettax-il Skeda."*

Illi skond it-Tlettax-il Skeda, il-procedura tat-tehid tar-ritratti hija s-segwenti:-

1. It-tester ghandu jiehu ritratt ta' kull vettura li tigi spezzjonata f'kull gurnata;
2. Ir-ritratt ghandu jittiehed minn post adatt fl-istazzjoni tal-*VRT*;
3. L-ewwel ritratt li jittiehed ghandu juri n-naha tax-xellug tal-parti ta' quddiem tal-vettura flimkien man-numru tar-registrazzjoni tal-vettura.

   Fejn ma jkunx hemm pjanca tan-numru mwahhla mal-vettura ghandu jittiehed it-tieni ritratt li ghandu jkun juri n-numru tax-*chassis* tal-istess vettura jew il-pjanca tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (NIV);

4. Kull ritratt ghandu juri d-data u l-hin korretti ta' meta jkun ittiehed; jigifieri ezatt qabel ma jibda t-test tal-*VRT*;
5. Ir-ritratti kollha li jittiehdu matul kull gurnata ghandhom jigu kkuppjati fuq CD jew fuq *harddisk* f'dik il-gurnata mill-istazzjoni tal-*VRT*;
6. CD li jkun fiha r-ritratti mehuda fix-xahar ta' qabel ghandha titwassal fit-Taqsima Teknika tal-Awtorità mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tax-xahar ta' wara, flimkien mar-rapport tax-xahar ta' qabel dwar it-testijiet tal-*VRT* li jkunu saru mill-istazzjon rispettiv u l-Awtorità ghandha taghti rcevuta li tkun tikkonferma li rceviet l-imsemmija CD bir-ritratti;

7. Id-*data* bir-ritratti ghandha tinzamm mill-istazzjon tal-*VRT* f'*harddisk* ghal mhux inqas minn tliet xhur.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-procedura li ma gietx segwita kienet proprju dik li ma ttihiedx ritratt ta' tlett vetturi fi tlett dati separati. Illi r-rikorrenti, da parti tieghu, qieghed jishaq li *siccome*` l-infrazzjonijiet kienu kollha tal-istess natura u li n-nuqqas taghhom irrizulta minn CD wahda u cioe dik li ntbaghtet lill-Awtorita` intimata ghax-xahar ta' Lulju 2014, allura l-Awtorita` intimata kellha timponi biss ghaxar (10) punti ta' penali u mhux tletin (30) punt ta' penali.

Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din il-linja ta' hsieb. Jirrizulta illi n-nuqqas tar-rikorrent sehh fi tlett okkazjonijiet differenti fuq tlett vetturi differenti. Il-fatt li sehh l-istess nuqqas ghal iktar minn darba fl-istess xahar ma jfissirx illi ma jattirax mieghu kull darba l-punti ta' penali ai termini tat-Tnax-il Skeda. Il-punti ta' penali mhumiex marbutin biss mal-obbligu li s-CD ta' xahar partikolari kontenenti r-ritratti tal-vetturi kollha li gew ittestjati f'dak ix-xahar tigi mibghuta lill-Awtorita` intimata. Jekk dan ma jsirx, u cioe s-CD ma titwassalx lill-Awtorita` intimata, dan jattira mieghu l-punti ta' penali rispettivi. Pero' jigi sottolinejat illi **<u>kull nuqqas</u>** fil-procedura elenkata fit-Tlettax-il Skeda jattira mieghu punti ta' penali individwalment u mhux komplessivament.

Illi t-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghall-argument imressaq mir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta gibed paragun ma' Partita 51 tat-Tnax-il Skeda li titkellem dwar ripetizzjoni ta' erba' kontravvenzjonijiet tal-istess xorta liema Partita tattira maghha hames (5) punti ta' penali. Ir-rikorrent isostni li kieku r-rikorrent ma hax ir-ritratti ta' erba' vetturi kieku kien jehel il-punti penali msemmija f'partita 51 u cioe ta' hames (5) punti. Illi, bir-rispett kollu, dan huwa argument li ma jsegwix. L-interpretazzjoni logika ta' Partita 51 hi li jekk *tester* jaghmel erba' kontravvenzjonijiet ta' l-istess xorta, **<u>b'addizzjoni</u>** mal-penali ghall-istess kontravvenzjonijiet huwa jehel hames (5) punti ta' penali ohra. Dan ifisser li jekk *tester*, ma jihux ritratti ta' erba' vetturi, allura huwa jehel erbghin (40) punt ta' penali u hames (5) punti ta' penali addizzjonali – totalita` ta' hamsa u erbghin (45) punt ta' penali. L-istess japplika jekk it-*tester* jikkommetti erba' infrazzjonijiet tal-istess xorta minn dawk elenkati fit-Tnax-il Skeda.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li l-Awtorita` intimata kienet korretta meta imponiet tletin (30) punt ta' penali ghal tlett kontravvenzjonijiet, li ghalkemm tal-istess xorta, gew imwettqa fi tlett okkazjonijiet differenti fuq tlett vetturi differenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata jichad l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------